# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 14**

**Rikors numru 277/08 SM**

**Kontrollur tad-Dwana**

**v.**

**Baltimore Consulting Limited (C-27895)**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mis-socjeta` Baltimore Consulting Limited [is-socjeta` appellanti] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2012 li nghatat in

segwitu ghall-procedura mehuda mill-Kontrollur tad-Dwana [l-appellat], a tenur tal-Artikolu 466(2) Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili.

2. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddecidiet billi, filwaqt li laqghet ir-risposta tal-appellat, irrespingiet it-talbiet tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez, kif ukoll ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga l-atti kollha tal-kawzi in dizamina biex jasal ghall-konkluzjonijiet li jidhirlu xierqa fir-rigward.

3. Ghall-finijiet ta' kompletezza jinghad ukoll illi permezz ta' digriet datat 27 ta' Mejju 2008, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-appellat u ordnat il-konnessjoni tal-azzjonijiet ai termini tal-Artikolu 793 tal-kodici fuq indikat, fir-rigward tal-kawzi bin-numru 275/06, 276/08, 278/08 biex dawn il-kawzi jinstemghu flimkien u jigu decizi fl-istess gurnata li fiha tigi deciza l-kawza odjerna.

Mertu

4. Jirrizulta illi l-appellat kien, ai termini tal-Artikolu 446 fuq citat, interpella lis-socjeta` appellanti u lis-socjeta` Carmelo Caruana Limited indikati fir-rikorsi numri 276/08 275/08 u 278/08 permezz ta' zewg ittri ufficcjali datati 3 ta' Marzu 2008 u 4 ta' Marzu 2008, sabiex ihallsu rispettivament is-somma ta' €149,997.67 u s-somma ta' €240,596.31,

rapprezentanti ammonti ta' dazju li l-importaturi, Aragon Co. Ltd [Aragon] u Alain Casal, kienu gew ezentati milli jhallsu fuq importazzjoni ta' tewm mic-Cina. L-appellat interpella lis-socjetajiet fuq indikati wara li rrizultalu minn informazzjoni mibghuta lilu mill-awtoritajiet esteri kompetenti il-licenzja AGRIM li permezz taghha l-imsemmija importaturi kienu ottjenew riduzzjoni fid-dazzju dovut fuq dik il-merkanzija importata, kienet falza.

5. Il-kawza odjerna tirrigwardja l-ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 2008 li permezz taghha s-socjeta` appellanti kienet giet interpellata mill-appellat thallas l-imsemmi ammont ta' €149,997.67.

6. Is-socjeta` appellanti qeghdha, permezz tal-odjerni proceduri, tikkontesta t-talba kontenuta fl-imsemmija ittra ufficcjali lilha notifikata u dan ai termini tas-subinciz 2 tal-artikolu fuq citat, in kwantu tikkontendi illi hija qatt ma mportat ebda konsenja ta' tewm gewwa Malta u qatt ma ghamlet dikjarazzjonijiet jew issottomettiet dokumenti f'isimha.

Is-Sentenza Appellata

7. Tenut kont tan-natura tal-ewwel aggravju huwa opportun li f'dan il-kaz tigi prodotta s-sentenza fl-intier taghha:

"Rat ir-rikors promotur datat it-18 ta' Marzu, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti Baltimore Consulting Limited ghamlet l-istess talbiet identici postulati mis-socjeta` ntimata Carmelo Caruana Company Limited (C – 9616), deciza minn din l-istess qorti fl-udjenza tal-lum stess Rikors Numru 275/08;

"Rat ir-risposta identika tal-Kontrollur intimat datata l-24 t'April, 2008, minnu pprezentata fir-rikors indikat fil-paragrafu precedenti;

"Rat ir-rikors tal-Kontrollur intimat datat l-14 ta' Mejju, 2008, fl-atti tar-rikors indikat fl-ewwel paragrafu fuq riferit, fejn wara li fil-verbal tieghu, l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti esprima l-kunsens tieghu ghall-istess, il-qorti diversament preseduta, laqghet it-talba tal-Kontrollur intimat bid-digriet taghha tas-27 ta' Mejju, 2008, u ordnat li r-rikorsi hemm indikati kellhom jinstemghu kontestwalment – u dan, a skans ta' dilungar inutili u ghall-ahjar ekonomija tal-gudizzju;

"Illi dan ir-rikors hu wiehed minn dawk elenkati fl-istess digriet fuq riferit u konsegwentement din il-qorti qed taghmel pjena referenza ghas-sentenza taghha minnha moghtija llum stess, u a skans ta' ripetizzjoni u dilungar kontroproducenti w inutili, ghar-ragunijiet hemm premessi;

"Takkolji t-talbiet tal-Kontrollur intimat u konsegwentement, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti Baltimore Consulting Limited, bl-ispejjez."

<u>L-Appell</u>

8. Fir-rikors tal-appell taghha pprezentat fil-15 ta' Ottubru 2012, is-socjeta` appellanti tilmenta principalment minn tliet aggravji principali illi: [1] ma nghataw ebda ragunijiet li fuqhom il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha; [2] l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-provi mressqa quddiemha u [3] l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi.

9. Ghalhekk qed titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tilqa` t-talba kontenuta fir-rikors promotur taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

10. Da parti tieghu l-appellat, ghar-ragunijiet esposti fir-risposta tal-appell tieghu pprezentata fis-6 ta' Novembru 2012, jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

11. Permezz ta' dan l-aggravju, is-socjeta` appellanti tilmenta mill-fatt illi fis-sentenza appellata ma nghataw ebda ragunijiet li fuqhom il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha, kif jesigi l-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Is-sentenza li ghamlet referenza ghaliha l-ewwel Qorti moghtija fil-kawza numru 275/08[1] ma tat ebda raguni ta kif giet involuta s-socjeta` appellanti, u ma ghamlet ebda accenn ghall-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti. Tghid li, barra minn hekk, wiehed ma jifhimx kif l-ewwel Qorti "akkoljiet it-talbiet tal-Kontrollur intimat" meta ma kellha quddiemha ebda talba mill-kontrollur, u l-unika talba kienet mis-socjeta` appellanti.

[1] **Kontrollur tad-Dwana v. Baltimore Consulting Limited**

12. L-appellat jilqa' ghal dan l-aggravju billi jissottometti illi mhux minnu li l-ewwel Qorti ma mmotivatx is-sentenza, izda waslet ghad-decizjoni taghha fil-konfront tal-kumpanija appellanti wara li gharblet u kkonsidrat il-provi kollha tal-kaz skont ir-rekwiziti tal-ligi u tal-gustizzja.

*Konsiderazzjonijet tal-Qorti*

13. Permezz ta' dan l-aggravju taghha s-socjeta` appellanti tissolleva n-nullita` tas-sentenza appellata billi qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti ma osservatx dak stabbilit fl-Artikolu 218 tal-kodici fuq indikat, li jaqra hekk:

> "218. Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet tal-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut".

14. Din il-Qorti tirribadixxi li:

> "17. Jirrizulta ormai pacifiku illi l-pronuncja tal-Qorti fuq talba tista' tkun implicita; dan jigri meta din il-pronuncja tkun konsegwenza necessarja tal-pronuncja espressa. F'dan il-kaz ikun bizzejjed li mill-parti motivanti tas-sentenza jkun jidher li jkunu gew mehuda in konsiderazzjoni t-talbiet u l-eccezzjonijiet, ossija li jkunu gew ikkonsidrati, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispozizzjoni tal-ligi li tghid li s-sentenza ghandha qabel xejn ikun fiha r-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat il-pronuncja taghha [vide in materja App. Inf. Lloyds (Malta) Limited et v. Air Malta plc deciza fis-27 ta' Gunju 2014]".[2]

[2] App.S **Mattia Preti Limited v. Charmaine Azzopardi**, deciza 27 ta' Mejju 2016

15. Fil-meritu din il-Qorti tirrileva illi, fil-parti konsiderattiva taghha, is-sentenza appellata taghmel referenza shiha ghas-sentenza taghha moghtija dakinhar stess fir-rikors numru 275/08 fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana v. Carmelo Caruana Ltd** u, senjatament "ghar-ragunijiet hemm premessi", u ddecidiet il-kawza propju abbazi ta' dawk ir-ragunijiet. Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu illi fis-sentenza appellata ma hemmx ripetizzjoni tar-ragunijiet li fuqhom l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex cahdet it-talba tas-socjeta` appellanti, ir-referenza espressa tal-ewwel Qorti ghall-motivazzjonijiet tas-sentenza fil-kawza numru 275/08 hija sufficjent sabiex taghmel taghha dawk il-motivazzjonijiet parti integrali mis-sentenza appellata.

16. Ghaldaqstant u, wkoll in vista tal-fatt li s-sentenza moghtija fil-kawza fin-numru indikat tat diversi ragunijiet sabiex waslet ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, ir-referenza shiha ghal dawk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata, jirrendi mhux gustifikat dan l-aggravju li ghalhekk qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

17. Permezz ta' dan l-aggravju, is-socjeta` appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-provi mressqa quddiemha. In sintesi, tghid li mill-provi rrizulta li meta Alain Casal

ifforma l-kumpanija Aragon Import & Export Limited, huwa kiteb l-indirizz tal-ufficcju ta' Baltimore Consulting Limited bhala r-*registered office* ta' din il-kumpanija. Tissottometti li mhux importanti jew rilevanti ghall-iskop ta' din il-kawza jekk is-socjeta` appellanti tatx il-kunsens taghha ghal skopjiet ta' indirizz registrat jew jekk dan l-indirizz intuzax minghajr tali kunsens. Tghid li f'kull kaz fl-2006 is-socjeta` appellanti infurmat lill-MFSA illi l-indirizz kien qed jinbidel. Hija qatt ma importat ebda merkanzija u qatt ma assumiet ebda responsabbilita` bil-fomm jew bil-miktub la mal-Kontrollur tad-Dwana u anqas ma' xi terz dwar l-importazzjoni tat-tewm in kwistjoni. Il-kontrollur tad-dwana ma pprezenta ebda xhud jew dokument li implikaha direttament jew indirettament fl-importazzjoni tat-tewm in kwistjoni. La ghandha ishma jew pozizzjoni fis-socjeta` Aragon Import & Export Limited u l-unika konnessjoni bejniethom hi, li ghal perijodu, it-tnejn kellhom registered office fl-istess indirizz. Dan wahdu zgur li ma jistax iwassalha li tkun responsabbli ghal xi dejn ta' kumpanija separata u distinta minnha. Il-provi mressqa iwasslu ghall-konkluzjoni li s-socjeta` appellanti ma ghandha ebda relazzjoni la mal-importazzjoni tat-tewm u anqas mad-dazzju talvolta dovut lill-appellat.

18. Tghid li ma hemm ebda prova illi impjegati tas-socjeta` appellanti ghaddew 'informazzjoni erroneja' lill-appellat, la elettronikament u l-anqas b'mezz iehor. L-unici persuni li setghu jibbenefikaw minn dak li l-

ewwel Qorti ssejjah 'raggir' kienu l-importaturi Alain Casal u l-kumpanija tieghu Aragon Import & Export Ltd, filwaqt li minn imkien ma rrizulta li s-socjeta` appellanti kienet ser tibbenefika minn xi beneficcju jew riduzzjoni fl-ammont dovut bhala dazju lill-appellat.

19. Minn naha tieghu, l-appellat jilqa' ghal dan l-aggravju billi jissottometti, inter alia, illi l-importaturi kellhom, fil-perijodu in kwistjoni, l-istess ufficcju tar-registrazzjoni tan-negozju tas-socjeta` appellanti Baltimore jigifieri 26/2, Pietro Floriana Street, Floriana. Kif spjega x-xhud Joseph Zammit Pavia fix-xhieda tieghu datata 22 ta' April 2009, dak l-indirizz "*jintuza mill-kumpanija Hili li hija l-Group Company, voldieri dak l-indirizz bhala registered office, jintuza minn hafna kumpaniji taghna, mhux iddedikat [biss] ghal Baltimore*".[3]

20. L-intimat jissottometti wkoll illi l-*Finance Manager* tas-socjeta` appellanti Mark Sciberras xehed fil-15 ta' Jannar 2009, illi hu kien il-*Finance Director* tal-Hili Group, li fost ohrajn kien jinkorpora fih il-kumpanija Carmelo Caruana Limited. L-istess xhud xehed li s-socjeta` appellanti kienet gabet assikurazzjoni minn Carmelo Caruana Co Ltd li d-dokumentazzjoni kienet f'postha, imbaghad kienet strumentali sabiex titwaqqaf il-kumpanija estera Aragon Import & Export Limited. L-istess xhud jispjega li Baltimore Consulting hija *financial services company* u x-xoghol taghha kien ristrett ghas-*setting up of the company* u

[3] RG. 275/08 – Fol.91

*associated secretarial and accounting work*, b'dan illi l-ufficcju indikat ma kienx semplicement *registered business address*.

21. Rigward l-argument li s-socjeta` appellanti bidlu l-indirizz taghhom, l-appellat illum jirribatti illi c-cirkostanzi tal-kaz sehhew qabel ma nbidel l-indirizz u l-*post entry* in kwistjoni giet notifikata u accettata personalment minn Mark Sciberras fl-indirizz in kwistjoni fl-20 ta' Jannar 2006.

22. Jghid ghalhekk illi rrizultaw provi sodisfacjenti sabiex gie stabbilit in-ness bejn minn naha l-wahda Alain Casal u Aragon Import/Export Company Limited u min-naha l-ohra Mark Sciberras ghan-nom tal-kumpanija appellanti u r-rapprezentanti tal-kumpanija appellanti l-ohra Carmelo Caruana Co. Ltd.

*It-Tielet Aggravju*

23. B'dan l-aggravju s-socjeta` appellanti tilmenta minn interpretazzjoni skorretta tal-Ligi, u huwa relatat mat-tieni aggravju fis-sens illi huwa kontra kull principju legali li persuna fizika jew legali tkun responsabbli ghal att ta' kommissjoni jew omissjoni ta' persuna ohra minghajr ma tkun ippartecipat direttament jew indirettament f'dak l-att. Tghid li mill-provi rrizulta li s-socjeta` appellanti lanqas kienet

konsapevoli ta’ dak li kien qed isehh bejn Aragon Import & Export u l-appellat. Ghalhekk, la hi ma kenitx l-importatur, la isimha ma deher fuq ebda dokumentazzjoni u la ma hijiex azzjonista jew ufficjal fis-socjeta` importatrici, ma tista’ titghabba b’ebda responsabbilita` ghall-agir ta’ Aragon jew ta’ Casal.

24. L-appellat jiribatti li lanqas dan l-aggravju ma jreggi stante li kif jirrizulta mil-atti processwali mhux minnu li l-kumpanija appellanti ma kenitx partecipi direttament jew indirettament f’dak l-att jew li lanqas kienet konsapevoli ta’ dak li kien qed isehh bejn Aragon Import & Export Limited u l-appellat.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar it-tieni u t-tielet aggravji*

25. Filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet ta’ dritt u ta’ fatt maghmula fil-kawza nru. 275/2018 fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwara v. Carmelo Caruana Ltd.** tikkonsidra s-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri.

26. Jirrizulta mill-atti processwali, illi s-socjeta` appellanti kienet tat is-servizzi segretarjali taghha sabiex kienet giet ffurmata l-kumpanija ta’ Alain Casal – Aragon Import & Export Limited, izda dan il-fatt wahdu ma jwassalx ghall-konkluzjoni li allura s-socjeta` appellanti hija responsabbli

ghal dak li taghmel Aragon, multo magis, fejn bhal fil-kaz odjern din is-socjeta` ma kellha x'taqsam xejn mal-attivita` gestita minn dik il-kumpanija.

27. Fir-rigward, is-socjeta` appellanti issostni li fl-importazzjonijiet illi kienet taghmel Aragon, is-socjeta` appellanti ma kellha x'taqsam xejn.[4] Joseph Zammit Pavia[5] jixhed illi huma kienu sorprizi bl-ittra ufficjali lilhom notifikata ghaliex ebda rapprezentant tas-socjeta` appellanti ma kien direttur, *shareholder* jew *company secretary* fil-kumpanija ta' Alain Casal, u hadd minnhom qatt ma gie imqabbad mis-socjeta` sabiex jimporta konsenja ta' tewm.

28. Rigward id-dokument VS6[6] prezentat minn Victor Saliba, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta li Alain Casal ipprezenta fuq ismu "*Application for Registration as Importer/Exporter*" fejn hemm indikat in-numru tal-VAT tieghu, il-*business address* fi Franza minn fejn kien jopera u l-*mail address* f'Malta *indikat* huwa dak tas-socjeta` appellanti li huwa wkoll l-indirizz minn fejn kienet topera f'Malta l-kumpanija Carmelo Caruana Co. Ltd, dan id-dokument wahdu ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li anke s-socjeta` appellanti kienet involuta fl-

---

[4] Vide xhieda ta' Mark Sciberras a fol 19 tal-process 275/08.
[5] Fol 8875/08 – Fol.57
Ibid tal-process 275/08.
[6] RG.275/08 – Fol.57

importazzjoni tal-merkanzija de quo, anzi din il-konkluzjoni tinsab kontradetta mill-maggjoranza tal-provi.

29. Carmen Aquilina[7], Principal Officer fid-Dipartiment tad-Dwana, mistoqsija direttament x'konnessjoni kellha s-socjeta` appellanti mal-kaz in kwistjoni, tixhed illi Alain Casal u Aragon Co. Ltd kellhom l-ufficcju registrat fl-istess indirizz tas-socjeta` appellanti, izda tikkonferma illi qatt ma saru dikjarazzjonijiet lid-Dwana da parti ta' impjegati ta' Baltimore Consulting Ltd. Jirrizulta wkoll illi dan l-indirizz kien jintuza minn socjetajiet ohra tal-Hili Group bhala indirizz registrat, u mhux biss mis-socjeta` appellanti. [8]

30. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tosserva li ma tressqux provi sodisfacenti li juru l-involvement tas-socjeta` appellanti fl-importazzjoni tat-tewm in kwistjoni, anzi, kif gja senjalat u kif jirrizulta mill-provi esebiti jirrizulta l-kuntrarju, jigifieri li l-attivita` kummercjali in kwistjoni dwar it-tewm kienet gestita` mis-socjeta` Carmelo Caruana Co. Ltd.

31. Jigi ribadit li ma jirrizultax mill-provi li s-socjeta` appellanti ghaddiet informazzjoni lid-Dipartiment tad-Dwana u qatt ma kienet intitolata ghal beneficcji fiskali relattivi ghall-importazzjoni in kwistjoni. L-

---

[7] Ibid. Fol 105-106
[8] Vide xhieda ta' Joseph Zammit Pavia tat-22 ta' April 2009 (fol 91 process 275/08)

unika konnessjoni li kellha mal-importaturi in kwistjoni Alain Casal u Aragon Import & Export Limited kienet il-fatt li kellhom ufficcju registrat fl-istess indirizz, filwaqt li l-konnessjoni taghha mas-socjeta` Carmelo Caruana Co. Ltd hija illi dawn jifformaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji.

32. Ghandu jkun car li s-semplici fatt li l-ufficcju registrat tas-socjeta` appellanti huwa komuni ma dak ta' kumpaniji ohra ma jwassalx ghall-assunzjoni ta' debiti bejn dawk il-kumpaniji b'personalita` guridika distinta u separata. Mhux kull ness hu x'inhu bejn is-socjeta` appellanti u l-appellat iwassal ghar-responsabbilita` tal-istess socjeta` appellanti, ghax sabiex tigi attirata r-responsabbilita` tas-socjeta` appellanti mal-importazzjoni tat-tewm in kwistjoni jehtieg li ssir il-prova li din is-socjeta` kienet partecepi fl-importazzjoni tal-merkanzija, liema fatt ma jirrizultax provat, anzi jirrizulta kontradett mill-provi

33. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji huma gustifikati u qed jigu michuda.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta` appellanti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-

talba kontenuta fir-rikors promotur billi li tiddikjara l-pretensjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana migjuba fl-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2008, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-Kontrollur tad-Dwana.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb